



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 96/18
il-Lussemburgo, 29 ta' Ġunju 2018

Stampa u Informazzjoni

Mill-1 ta' Lulju 2018, il-kawżi għal deċiżjoni preliminari li jinvolvu persuni fiżiċi ser jiġu anonimizzati

Filwaqt li r-regolament ġenerali I-ġdid dwar il-protezzjoni tad-data (RĠPD) għadu kif daħal fis-seħħi¹, regolament li qiegħed jippreċedi dak li dalwaqt ser ikun applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea², il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ssaħħa il-protezzjoni tad-data tal-persuni fiżiċi fil-kuntest tal-publikazzjonijiet relatati ma' kawżi għal deċiżjoni preliminari.

B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja qed timxi max-xejra, osservata fl-Istati Membri, tat-tisħiħi tal-protezzjoni tad-data personali f'kuntest li fih qed jiżdiedu l-għodod ta' riċerka u ta' xandir. Il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tirrifletti wkoll din ix-xejra b'numru dejjem jikber ta' sentenzi mogħtija f'dan il-qasam, fuq kwistjonijiet bħad-dritt għat-tħassir minn fuq il-muturi ta' riċerka³, il-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonsta li l-Istati Uniti jiżguraw livell adegwaw ta' protezzjoni għad-data personali ttransferita⁴, il-validità tal-Ftehim PNR (Passenger Name Record data) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada⁵, ir-responsabbiltà tal-amministraturi tal-paġni tal-fans ta' Facebook⁶ jew il-legalità taż-żamma tad-data personali mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici⁷.

Sabieħ tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data tal-persuni fiżiċi involuti fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari filwaqt li tiggarantixxi l-informazzjoni taċ-ċittadini u l-pubbliċità tal-ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet, għal kull kawża għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-1 ta' Lulju 2018, li tissostitwixxi, fid-dokumenti kollha tagħha ppublikati, **I-isem tal-persuni fiżiċi** involuti fil-kawża b'injiali. Bi-istess mod, **kull element komplementari li jkun jista' jippermetti l-identifikazzjoni tal-persuni kkonċernati ser jitneħħha**.

Dawn l-orjentamenti l-ġoddha, li ma jikkonċernawx il-persuni ġuridiċi u li fir-rigward tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ser iżżomm il-possibbiltà li tidderoga fil-każ ta' talba espliċita minn parti jew jekk iċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża jiġgħustifikawha, ser jaapplikaw għall-publikazzjonijiet kollha involuti fit-trattament tal-kawża, mill-introduzzjoni tagħha sal-ġħeluq tagħha (avviżi fil-Ġurnal Uffiċjali, konklużjonijiet, sentenzi ...), kif ukoll għall-isem tal-kawża.

¹ Regolament (UE) 2016/79 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1).

² Bħalissa, ir-regolament fis-seħħi huwa r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU Edizzjoni Speċjal bi-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102, rettiffika fil-ĠU 2013, L 298, p. 50).

³ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google ([C-131/12](#), ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 70/14](#)).

⁴ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems ([C-362/14](#), ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 117/15](#)).

⁵ Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Lulju 2017 ([1/15](#), ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 84/17](#)).

⁶ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2018, Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein ([C-210/16](#), ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 81/18](#)).

⁷ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' April 2014 Digital Rights Ireland ([C-293/12](#) u [C-594/12](#), ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 54/14](#)), u sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige ([C-203/15](#) u [C-698/15](#), ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 145/16](#)).

Sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċitazzjoni u l-identifikazzjoni tal-kawżi anonymizzati, kull waħda minnhom ser tiġi assenjata, mill-Qorti tal-Ġustizzja, isem komuni skont il-modalitajiet li ġejjin:

- fejn il-kawża tinvolvi biss persuni fiżiċi, l-isem tal-kawża ser jikkorrispondi għaż-żewġ inizjali li jirrapreżentaw l-isem u l-kunjom tar-rikorrenti, iżda li jkun differenti mill-isem u l-kunjom veri ta' dik il-parti. Sabiex tiġi evitata l-multiplikazzjoni ta' kawżi li jkollhom l-istess inizjali (peress li l-possibbiltajiet ta' kombinazzjonijiet ta' ittri ma humiex infiniti), il-Qorti tal-Ġustizzja ser żżid element distintiv ma' dawn iż-żewġ inizjali, bejn parenteżei. Dan l-element supplimentari jista' jirreferi għall-isem ta' persuna ġuridika li, mingħajr ma tkun parti mit-tilwima, tkun qed tiġi ċċitata jew tkun ikkonċernata mill-kawża, jew ukoll tkun is-suġġett jew il-kwistjoni tat-tilwima. Dan l-aħħar metodu ntuża, pereżempju, fis-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża C-451/16, MB (Bidla fil-ġeneru u pensjoni tal-irtirar) ⁸.
- fejn il-kawża tinkludi, fost il-partijiet, persuni fiżiċi u persuni ġuridiċi, l-isem tal-kawża ser jikkorrispondi għall-isem ta' wieħed mill-persuni ġuridiċi. Madankollu, fil-każ ta' awtorità pubblika li regolarmen taġixxi bħala parti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (pereżempju, il-“Ministru għall-Finanzi”), ser jiżdied ukoll element distintiv mal-isem tal-kawża.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li l-miżuri esposti hawn fuq għandhom l-għan li jiżguraw protezzjoni adegwata tad-data personali fil-kuntest tal-pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja. Huma ma jaffetwawx il-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kawżi u l-iżvolġiment normali tal-proċedura u, b'mod partikolari, is-seduti għas-sottomissionijiet orali li ser ikomplu jinżammu skont l-arranġamenti attwali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

⁸

Ara I-Istqarrija għall-İstampa Nru [92/18](#)